# PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.3

Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.

Lezzjoni:1.3 Ngħidu 'Grazzi'

Għanijiet:



1. Josservaw u jaraw il-ġmiel tal-ħolqien.

2. Jitgħallmu japprezzaw is-sbuħija li tana Alla.

3. Juru l-aprezzament tagħhom billi jitgħallmu jgħidu 'Grazzi!'

4. Jieħdu gost ikantaw u għalhekk jiftakru iktar f'dawk l-affarijiet li għandhom jirringrazzjaw lil Alla għalihom.

Riżorsi għal-lezzjoni:

- stampi għall-kanzunetta
  'Mulej Grazzi Inkantaw'
  (ppt 1.3 - Mulej Grazzi)
- *Karta ta' taħrig 1.2*
- vidjow: *'Thank you Lord - Christian Kids Song'*

http://www.youtube.com/watch?annotation_id=annotation_426373&feature=iv&src_vid=Yv9v_gLE2sA&v=c4FeRKf_8rk

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

❖ Staqsi dawn il-mistoqsijiet lit-tfal:
- Meta xi ħadd jagħtina xi ħaġa sabiħa jew xi rigal, aħna x'għandna ngħidu? GRAZZI
- X'tana Alla? (tfal isemmu l-affarijiet li ħalaq Alla)
- Mela x'għandna ngħidulu? GRAZZI

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

**Ngħidu Grazzi:** Għid biex jaħsbu f'dik il-ħaġa li ħalaq Alla li l-iktar togħġobhom.

❖ Spjega li wieħed wieħed se jgħidu grazzi lil Alla ta' xi affarijiet partikolari, eż: 'Grazzi Alla talli tajtna x-xemx!', 'Grazzi Alla talli tajtna l-baħar!' It-tfal jistgħu joħorġu fuq quddiem tal-klassi u jirringrazzaw lil Alla quddiem it-tfal kollha. Tista' wkoll tuża xi stampi biex tgħin lit-tfal isibu xi ħaġa li togħġobhom.

❖ Ipprepara l-kliem u l-istampi tal-kanzunetta 'Mulej Grazzi Inkantaw', ħalli meta t-tfal isemmu xi ħaġa minn tal-kanzunetta turihom l-istampa. Malli tara li t-tfal ikunu semmew l-affarijiet imsemmija fil-kanzunetta, ibda għallimhom ikantaw billi tagħmel użu mill-istampi.

Mulej Grazzi Inkantaw (fuq in-noti ta' *London Bridge*)

Mulej grazzi tal-mamà,
tal-papà,
u tal-ħbieb.
Mulej grazzi inkantaw,
grazzi ħafna!

Mulej grazzi tas-sema,
tal-qamar,
u tax-xemx.
Mulej grazzi inkantaw,
grazzi ħafna!

Mulej grazzi tal-baħar,
tar-ramel,
u tal-ħut.
Mulej grazzi inkantaw,
grazzi ħafna!

(Flimkien mat-tfal tista' tivvinta xi kliem ieħor u jkantawhom fuq l-istess noti.) Tista' tkanta wkoll il-kanzunetta popolari minn fuq il-kotba tal-kant tal-quddies 'Ngħidu Grazzi lil Mulej'.

❖ Aħdem *Karta ta' Taħriġ* 1.2. Għen lil min forsi jbati biex jifhem fejn irid ipinġi.

❖ Fakkar li meta xi ħadd jagħtina xi ħaġa aħna ngħidulu 'Grazzi!' Mela lil Alla għandna ngħidulu grazzi li ħalaq dan kollu għalina.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Semmu affarijiet sbieħ li ħalaq Alla.
2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha - il-fjuri, l-għasafar, l-insetti, l-annimali l-kbar.
3. Alla huwa kbir, sabiħ u bravu.
4. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina għax iħobbna.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Naprezzaw dak kollu li naraw madwarna u li tana Alla.
Niftakru fil-kobor, is-sbuħija u l-bravura ta' Alla meta nħarsu lejn in-natura u l-annimali ta' madwarna.
Ngħidu 'grazzi' lill-Mulej meta naraw is-sbuħija tal-ħolqien.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Dejjem infaħħar lil Alla ta' kemm tani dinja sabiħa. Għalhekk kemm huwa importanti li ngħid 'Grazzi' kbira lil Alla ta' dak kollu li tani. Id-diska *'Thank you Lord - Christian Kids Song'* hija mod ta' kif nista' ngħid 'Grazzi', però qabel turiha lit-tfal importanti li t-tfal stess isemmu xi affarijiet li għalihom jixtiequ jgħidu grazzi.
[http://www.youtube.com/watch?annotation_id=annotation_426373&feature=iv&src_vid=Yv9v_gLE2sA&v=c4FeRKf_8rk](http://www.youtube.com/watch?annotation_id=annotation_426373&feature=iv&src_vid=Yv9v_gLE2sA&v=c4FeRKf_8rk)

## Nitolbu

Grazzi Alla talli ħlaqt ħafna affarijiet sbieħ.
Grazzi ta' kemm għamiltilna dinja sabiħa!
Grazzi talli tħobbna!
Grazzi!